MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 41 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 05 ta' Novembru, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' b'mod virtwali, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sur Daniel Ablett |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |

| | |
|---|---|
| Sindku Mqabba | Is-Sur Omar Farrugia |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 41.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji;

41.1.1 Il-President informa li ma kienx hemm ittri ta’ aploloġiji.

## 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

41.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

41.2.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur David Michael Schembri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

## 41.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Mumenti diffiċli**

41.3.1 Il-President informa li għadu kif ħa l-aħbar li waħda mill-persuni tal-istaff amministrattiv għadha kif ġarrbet it-telfa tal-missier għażiż tagħha. Hu wera s-sogħba tiegħu filwaqt li ħabbar li se jkun qed jagħti l-kondoljanzi f'isem il-Kunsill Reġjonali. Il-President wera s-sogħba tiegħu wkoll għall-fatt li wieħed mill-Membri tal-Kunsill Reġjonali, s-Sindku ta' Ħal Qormi, għadu jinsab f'qagħda kritika. Hu talab mument ta' silenzju biex dawk preżenti jagħmlu talba f'qalbhom għal dawn iż-żewġ persuni.

**-Kuntratt għar-Restawr tal-faċċata**

41.3.2 Il-President ħabbar li fil-jiem li għaddew, il-kuntrattur magħżul aċċetta li jagħmel ix-xogħlijiet ta' restawr fuq il-faċċata tal-bini amministrattiv, bagħat il-garanzija bankarja u ġie ffirmat il-kuntratt. Fil-jiem li ġejjin għandu jibda x-xogħol preliminarju qabel ikun jista' jibda r-restawr. Ix-xogħol kollu għandu jieħu tmintax-il ġimgħa biex jitlesta.

**-Fondi pendenti minn skemi tar-Reġjun**

41.3.3 Il-President reġa' fakkar f'dawk il-fondi li għadhom pendenti u ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jutilizzawhom sal-aħħar ta' Settembru 2021. Hu qal li hu importanti li dawk li għadhom ma bdewx ix-xogħlijiet relatati ma' proġetti approvati b'finanzjament minn fondi tar-Reġjun dwar proġetti kapitali jimpenjaw aktar ruħhom ħalli jitlestew fiż-żmien stipulat.

**- Rimbors ta' spejjeż relatati mat-Tribunal Lokali mill-Aġenzija LESA**

41.3.4 Il-President ressaq korrispondenza fejn il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ġie mgħarraf li għandu jitħallas is-somma ta' 109,262 ewro bħala rimbors ta' spejjeż li hu diġà għamel fl-amministrazzjoni u ż-żamma tat-Tribunal Lokali li jkopri sas-sena 2018. Din is-somma ħa titqassam f'ħames pagamenti mqassmin sal-aħħar tas-sena d-dieħla 2021.

**- Elezzjoni tal-Presidenti Reġjonali**

41.3.5 Il-President ħabbar li r-riforma fir-Reġjuni se tkun qed isseħħ lejn l-aħħar kwart tas-sena li ġejja. Hu qal li ġie infurmat li f'Ottubru 2021 se tkun qed issir l-elezzjoni għall-Presidenti Reġjonali.

41.3.6 **- Uffiċjali mar-Reġjun biex jagħtu assistenza u għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali**

Il-President ħabbar li matul dawn l-aħħar jiem, il-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali ħabbar li l-Kunsilli Reġjonali se jkollhom uffiċjali esperti biex jagħtu assistenza u għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali f'numru ta' oqsma. Saret ukoll laqgħa mad-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn ġew diskussi oqsma li fihom dawn l-esperti jistgħu jgħinu lill-Kunsilli Lokali. Fil-jiem li ġejjin għandhom jinħarġu linji gwida mid-Direttorat dwar dawn l-oqsma li se jkunu jinkludu l-ambjent, immaniġġjar tal-iskart, ICT, proġetti finanzjati minn fondi Ewropej u dawk lokali, kultura u kwalità tal-ħajja. Dan il-pass se jkun ifisser li l-Kunsilli Reġjonali se jkunu qed jiffukaw fuq il-funzjonijiet prinċipali tagħhom u jieħdu rwol li jagħtu għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali. Biex jingħataw dawn is-servizzi, l-Kunsill Reġjonali se jkun qed jalloka parti sostanzjali mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu flimkien ma' għajnuna finanzjarja oħra mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jħallas lil dawn l-esperti. Dan ifisser li se jkollu jnaqqas min-numru ta' skemi ta' għajnuna finanzjarja li kien qed jagħti matul dawn l-aħħar snin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Il-President jifhem li jista' jkun hemm opinjonijiet differenti minn xi Membri, imma għalkemm hu jixtieq li jibqa' jagħti l-istess għajnuna finanzjarja kif ukoll jagħti għajnuna professjonali fl-istess ħin, dan ma jistax isir bl-allokazzjoni li se jkollu r-Reġjun.

41.3.7 **- Ċelebrazzjonijiet tal-Milied**

Il-President informa li kif inhuma ċ-ċirkostanzi fil-preżent, ikun aħjar jekk nieħdu ħsieb xulxin u tiġi kkanċellata l-ikla tal-Milied li normalment issir f'Diċembru għall-Membri tal-Kunsill Reġjonali. Fid-dawl tal-fatt li l-Malta Community Chest Fund għandha bżonn aktar fondi minħabba li anke din il-fondazzjoni kellha tħassar numru ta' attivitajiet li fihom jinġabru l-fondi għal min hu fil-bżonn, hu jissuġġerixxi li l-Kunsill Reġjonali jgħaddi l-flus li għandu allokat għal din l-ikla lill-Malta Community Chest Fund. Il-President stieden lill-Membri biex jekk hemm xi Kunsilli Lokali li jitħajru jagħmlu l-istess, jistgħu jingħaqdu flimkien bħala Reġjun wieħed u joffru s-somma totali flimkien.

41.3.8 Il-Membri preżenti qablu mal-President li jħassru l-ikla tal-Milied bejn il-Membri tal-Kunsill Reġjonali u joffru l-flus tal-ikla lill-Malta Community Chest Fund.

**- Kummenti**

41.3.9 Fil-ħin riservat għall-kummenti, s-Sur Scott Camilleri staqsa minn meta l-Kunsilli Lokali jistgħu jibdew jaħdmu mal-kuntrattur il-ġdid għax il-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa għandu x-xogħol tal-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq li ilu wieqaf xahrejn.

41.3.10 Il-President wieġeb li r-Reġjun kellu jistenna lil kull Kunsill Lokali jibgħat il-MOU iffirmat qabel setgħa jibgħat l-ittra uffiċjali lill-kuntrattur li rebaħ is-sejħa. Issa rridu nistennew li hu jaċċetta biex imbagħad jiġi ffirmat il-kuntratt. Sadanittant, huma għandhom jibdew jippreparaw lista bix-xogħlijiet l-aktar urġenti ħalli hekk kif jiġi ffirmat il-kuntratt jgħadduhom lill-kuntrattur il-ġdid.

41.3.11 Is-Sur Johan Mula irrefera għall-għajnuna professjonali li se tkun qed tingħata lill-Kunsilli Lokali mir-Reġjun. Hu qal li għalkemm bħala Sindku, kien jara l-iskemi ta’ għajnuna finanzjarja mir-Reġjun utli ħafna, jemmen li għajnuna professjonali f’numru ta’ oqsma għandhom ikunu aktar benefiċjali għall-Kunsilli mill-perspettiva tal-isfidi diffiċli li qed jiffaċċjaw kontinwament. Il-Kunsilli Lokali m’għandhomx biżżejjed riżorsi għal esperti u konsultenti bħal uffiċjal espert fil-fondi. Hu jaqbel li dik hi d-direzzjoni li għandu jieħu r-Reġjun biex ikun qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv.

41.3.12 Is-Sur Terence Agius qal li skont kif ġie mħabbar, il-fondi li se jiġu mgħoddija lir-Reġjun biex ikun jista’ jingaġġa sitt esperti f’sitt oqsma differenti mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-ħlasijiet tagħhom kollha. Ir-Reġjun se jkollu jalloka parti mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu biex ikopri l-ħlasijiet kollha. Għalhekk ir-Reġjun għandu jiddiskuti mal-Membri biex jiġi determinat x’inhuma l-veru bżonnijiet tal-Kunsilli Lokali u jiġu ngaġġati esperti f’dawk l-oqsma li fihom jinħass il-bżonn.

41.3.13 Il-President żied jgħid li l-mira tar-Reġjun hi li l-uffiċċju amministrattiv ikun post attrezzat biex joffri l-aqwa għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Qed issir ħidma biex il-post ikun jakkomoda dawn il-faċilitajiet u servizzi ġodda. Hu żied jgħid li għandna nirsistu ħalli jkollna kollox preparat biex kif inkunu f’pożizzjoni li nistgħu noħorġu s-sejħiet, inkunu nistgħu nattiraw l-aħjar esperti. Kif ikollna l-linji gwida f’idejna nkunu nistgħu naraw u niddiskutu fuq liema oqsma ta’ konsulenza u esperti għandna mmorru.

41.3.14 Is-Sur David Michael Schembri qal li l-idea hi tajba imma hu jiddispjaċih li f’ħafna inizjattivi u skemi li qed joħorġu, is-Sindki qatt mhu qed jiġu konsultati.

41.3.15 Dr Marija Sara Vella staqsiet jekk hemmx xi informazzjoni kif se jkunu qed jaħdmu t-Tribunali Lokali ġaladarba jsir iċ-ċaqliq tal-lokalitajiet fir-Reġjuni u anke jkun qed jiżdied Reġjun ieħor.

41.3.16 Il-President wieġeb li għad m'hemm l-ebda informazzjoni uffiċjali. Hu qal li ilu jisħaq f'diversi laqgħat li jkollu li t-Tribunali Lokali m'hemm l-ebda sens li jibqgħu jitmexxew mill-Kunsilli Reġjonali għax lanqas biss jaqblu mal-funzjonijiet prinċipali tagħhom, meta huma suppost qegħdin hemm biex jgħinu lill-komunitajiet. Dan l-aħħar ir-Reġjun bagħat korrispondenza lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, lill-Aġenzija LESA, lill-konsulent fil-Ministeru tal-Ġustizzja u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn urejna l-intenzjoni tagħna li l-post tat-Tribunal Lokali jinqata' mill-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun u jinstab post alternattiv minn fejn isiru s-seduti għax dan qed ixekkel lir-Reġjun milli jaqdi l-funzjonijiet proprji tiegħu b'mod effettiv.

41.3.17 Il-President staqsa lis-Sur Dominic Grech kif inhu sejjer fil-kariga tiegħu bħala Sindku tas-Siġġiewi.

41.3.18 Is-Sur Dominic Grech wieġeb li issa beda jissetilja wara li kellu jagħmel tranżizzjoni ta' malajr bla ma kienet mistennija. Hu qal li preżentament jinsab jaħdem fuq proġetti li se jkunu qed jitwettqu fiż-żmien li ġej.

## 41.4 Skeda ta' Pagamenti;

41.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bi żvista ma ntbagħtux l-iskeda ta' pagamenti minn qabel biex il-Membri jkunu jistgħu jaraw il-pagamenti qabel il-laqgħa, għaldaqstant ma jkunx ġust jekk tiġi mgħoddija l-iskeda ta' pagamenti f'din il-laqgħa. Hu wiegħed li qabel il-laqgħa li jmiss se jkun qed jibgħat il-pagamenti kollha li jkunu saru matul dawn ix-xahrejn biex il-Membri jkollhom ċans jarawhom u jingħaddew flimkien.

## 41.5 Aġġornament fuq is-Sejħa Pubblika għal Kuntratt tal-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq;

41.5.1 Il-President ħabbar li wara li l-Kunsilli Lokali li kienu interessati jissieħbu f'dan il-kuntratt bagħtu l-MOU iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, intbagħtet in-notice of award u l-letter to the successful bidder lill-kuntrattur li se jkun qed jagħti dan is-servizz. Issa nkunu rridu nistennew għaxart ijiem bħala perjodu fejn jistgħu isiru appelli qabel inkunu nistgħu nipproċedu għall-kuntratt. Il-President talab lill-Kunsilli Lokali li se jkunu mseħbin f'dan il-kuntratt biex jibdew minn issa jaraw ix-xogħol ta' manutenzjoni ta' dwal li hemm bżonn isir fil-lokalità tagħhom u jagħmlu lista skont il-prijorità ħalli kif jiġi ffirmat il-kuntratt ma jkunx hemm ħela ta' żmien u x-xogħol jibqa' għaddej bla xkiel. Il-kuntrattur se jibda jaħdem fuq il-prezzijiet il-ġodda għas-servizzi tiegħu li se jkunu qed jintbagħtu lill-Kunsilli Lokali.

## 41.6 Aġġornament fuq il-Proġett 'Kwarta Tajba';

41.6.1 Il-President ħabbar li ntbagħtu korrispondenzi lil kull Kunsill Lokali fir-Reġjun biex dawk li huma interessati li jospitaw dan l-avveniment jibagħtu l-proposta tagħhom. Hu informa li ġew mibgħuta proposti minn tmien lokalitajiet li huma: Birżebbuġa, Ħal Kirkop, Ħal Safi, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, l-Imqabba, iż-Żurrieq u Santa Luċija. Dan l-avveniment jirrikjedi numru ta' kriterji li jridu jiġu evalwati minn esperti f'dan il-qasam filwaqt li jiġu studjati fatturi bħal immaniġġjar tat-traffiku, parking, miżuri tal-Covid-19, eċċ. Għaldaqstant hu ssuġġerixxa li jiġu mqabbda esperti indipendenti biex iżuru l-postijiet u jiddiskutu ma' rappreżentant tal-Kunsill biex imbagħad jagħżlu l-lokalità li fl-opinjoni tagħhom toffri l-aħjar fatturi għal dan l-avveniment. Fl-opinjoni tiegħu dawn l-esperti għandhom ikunu s-Sinjuri Justin Formosa u Martin Gauci.

41.6.2 Il-Membri preżenti qablu mal-President biex jitqabbdu dawn l-esperti indipendenti għall-għażla tal-lokalità.

## 41.7 Affarijiet oħra;

**- Quarterly Financial Report January – September 2020**

41.7.1 Il-President ressaq ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena li ntbagħat minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tiegħu u qal li r-Reġjun irnexxielu jżomm l-infiq tiegħu tajjeb mal-budget li kellu ppjanat kif ukoll li rnexxielu juża l-fondi tiegħu bil-għaqal. Il-finanzi huma sodi u r-Reġjun jinsab f'pożizzjoni tajba li jwettaq il-proġetti li għandu ppjanati mingħajr ebda diffikultà. Il-President talab għall-approvazzjoni tar-rapport kif ġie mressaq.

41.7.2 Il-Membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2020.

**- Skema Inizjattivi Edukattivi 2020**

41.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-iskema Inizjattivi Edukattivi li ġiet imnedija mir-Reġjun bil-kollaborazzjoni ta' Lifelong Learning aktar kmieni din is-sena. Hu qal li rċieva korrispondenza mis-Sa Rosemarie Debattista li tikkoordina l-korsijiet tal-Lifelong Learning fir-Reġjun tan-Nofsinhar fejn infurmat li l-Kunsilli Lokali li qed jagħmlu korsijiet tal-Lifelong Learning fil-lokalità huma dawk ta' Birżebbuġa, il-Gudja, l-Imqabba, Ħal Qormi, il-Qrendi, Ħal Safi u s-Siġġiewi. Skont kif kien ġie miftiehem meta ġiet imnedija din l-iskema, dawn il-Kunsilli Lokali se jibbenefikaw minn elf ewro kull wieħed li jistgħu jiġu utilizzati f'xiri ta' materjal, apparat jew ħlas ta' impjegati relatati mat-taħriġ li jkun qed isir. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jkun qed jibgħat notifika lil dawn il-Kunsilli Lokali fil-jiem li ġejjin.

**-Devoluzzjoni tal-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali**

41.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fit-23 ta' Ottubru 2020 irċieva l-ittra uffiċjali mill-Awtorità tal-Artijiet li kkonfermat li t-talba tar-Reġjun għad-devoluzzjoni tal-bini amministrattiv ġiet milqugħa u approvata mill-Bord. Hu ġie infurmat mill-uffiċjal responsabbli mill-applikazzjonijiet li l-fajl issa mar għand is-sezzjoni tal-evalwar tal-proprjetà qabel ikunu jistgħu jsiru l-proċedimenti għall-kuntratt.

**-Skema ta' għajnuna finanzjarja għal CCTV cameras**

41.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti mill-Kunsilli Lokali ta' Ħal Kirkop, tal-Ħamrun, tas-Siġġiewi u taż-Żurrieq biex jiġu installati CCTV cameras fil-lokalità. Il-Membri rappreżentanti tal-lokalità taw spjega tal-proposta tagħhom.

41.7.6 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti mressqa.

**-Skema ta' Għajnuna għal tiżjin u kompetizzjonijiet tal-Milied**

41.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti għal tiżjin u kompetizzjonijiet tal-Milied mill-Kunsilli Lokali taż-Żurrieq, tas-Siġġiewi, tal-Ħamrun, ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Birżebbuġa

41.7.8 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti mressqa.

## 41.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

41.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.17 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 03 ta' Diċembru 2020 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

Jesmond Aquilina — Philip Carabott

President — Segretarju Eżekuttiv